**Appell ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2014 minn Bharat Heavy Electricals Ltd mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-21 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża T-374/14, Bharat Heavy Electricals vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-602/14 P)**

(2015/C 311/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Bharat Heavy Electricals Ltd (rappreżentant: A. Mc Donagh, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-4 ta' Ġunju 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell u kkundannat lil Bharat Heavy Electricals Ltd tbati l-ispejjeż tagħha.

---

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2015 mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fil-25 ta' Novembru 2014 fil-Kawża T-556/12: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) vs Royalton Overseas Ltd**

**(Kawża C-36/15 P)**

(2015/C 311/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Royalton Overseas Ltd, S.C. Romarose Invest Srl

Il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja b'digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2015.

---

**Appell ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2015 minn Mohammad Makhlouf mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fil-21 ta' Jannar 2015 fil-Kawża T-509/11, Makhlouf vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-136/15 P)**

(2015/C 311/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Mohammad Makhlouf (rappreżentant: G. Karouni, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza kkontestata;